**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Osman Jarju**

**Kumpilazzjoni numru 631 / 2016**

**Illum 15 ta' Dicembru, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Osman Jarju** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 9001148 (A) billi huwa akkuzat talli:

Nhar il-21 ta Jannar 2016 gewwa dawn il-gzejjer f'San Giljan, ikkommeta serq ta oggetti ghad-detriment ta Nadia Abu Shamala, liema serq huwa aggravat bil-valur ta aktar minn 232.94 Ewro izda anqas minn 2329.37 Ewro, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Ukoll talli nhar it-22 ta Jannar 2016 ghall-habta tat-tmienja ta filghodu (0800hrs) gewwa dawn il-gzejjer f'San Pawl il-Bahar kellu fil-pussess tiegħu ir-raza meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli nhar l-1 ta Dicembru 2016 ghall-habta ta nofs siegha ta filghodu (0030hrs) kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ukoll talli nhar l-1 ta Dicembru 2016 ghall-habta tan-nofs siegha ta filghodu (00:30hrs) kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidart:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza li l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi tkun piena karcerarja ta' sitt (6) xhur prigunerija u dan anke wara li rrizulta li d-droga misjuba kienet ghal konsum personali waqt li kien ma' haddiehor.

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 267, 270 u 271 tal-Kodici Kriminali u ta' Artikolu 8(a) u 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita f'dawn l-atti.

**Il-Qorti spjegat li mhux sewwa li persuna tigi f'pajjizna ghal btala, jew biex tistudja jew minhabba ragunijiet umanitarji u tikser il-ligijiet tal-pajjiz li jkun qieghed jospithom. Pajjizna ghandu jibqa' jaghti kenn lil min tassew ghandu bzonnu u dan kif tipprovdi l-Ligi tar-Refugjati taghna izda l-minimu li tistenna minn dawk li jinghataw xi forma ta' protezzjoni huwa li jharsu l-ligijiet ta' pajjizna.**

**Il-Qorti tfakkar li l-Gambja m'huwiex wiehed mill-Istati li cittadini tieghu jistghu jitolbu xi forma ta' protezzjoni f'pajjizna u ghalhekk ghandhom jinbdew il-proceduri necessarji biex meta l-hati jiskonta s-sentenza ta' prigunerija jkun ripatrijat il-Gambja.**

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**